# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 74/8 (Kontinwazzjoni tal-Laqgha Nru 73/8)

**Il-Hamis 30 ta` Gunju 2022**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fl-erbgha u kwart ta` filghaxija (4:15pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Marija Micallef – Kunsilliera

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

074.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

074.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

074.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

074.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

074.5 Jum il-Gudja 2022 u Attivitajiet Kulturali Oħra;

074.6 Rapporti;

074.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
  a. Triq iż-Żebbuġa – progress
  b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
  c. Ġnien Raymond Caruana – progress
  d. Mizura 4.4: Hitan tas-Sejjieh

074.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

074.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-erbgha u nofs ta` filghaxija (4:30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 074.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti ma kienx hemm ittri ta` apologiji.

### 074.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

Dawn l-item gie diskuss fil-laqgha numru 73(08)

### 074.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Dan l-item ma giex diskuss.

### 074.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Dan l-item ma giex diskuss.

**074.5 Jum il-Gudja u Attivitajiet Kulturali ohra;**

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-attivitajiet li ser isiru fil-gimgha ta` Jum il-Gudja 2022. Is-Sindku qalet li Tlieta 12 ta` Lulju 2022 ser isir harga ghall-Ghawdex, l-Erbgha 13 ta` Lulju ser isir Photo Hunt mtella` minn Skali Gudja bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Hamis 14 ta Lulju ser titella 5K run u attivita ta` roti ghat-tfal minn Agones SFC bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku ziedet tghid li Festivals Malta kienet ser tiprovdi l-palk u l-iskola St.Joan Antide ser jiprovdulna siggijiet. Is-Sindku kompliet billi qalet li l-pulizija u ufficjali tal-LESA nfurmati wkoll. Is-Sindku ghamlet referenza ghall-kwotazzjonijiet tal-bnadar. Il-Kunsill approva li jsiru zewg bnadar 3x5mtrs u erbgha bnadar bi 3x2mtrs. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex tingieb kwotazzjoni ghas-servizz ta` ambulanza ghal dakinhar tal-attivitajiet. Is-Sindku prezentat il-kwotazzjoni tal-fotografija ghal dakinhar ta` Jum il-Gudja, fejn din giet approvata. Il-Kunsill approva li l-baned tal-lokal jinghataw sitt mitt ewro kull wiehed ghas-servizz tal-banda ghal Jum il-Gudja. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jigu ordnati xi tokens ghal kull min ser jaghti sehmu f`din l-okazzjoni. Is-Sindku proponiet li l-qari u l-offerti jsiru mill-kunsilliera.

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar it-toqob tal-arbli tal-festa, fejn dawn ser isiru minn kuntrattur mqabbad mill-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**074.6 Rapporti;**

Ma kienx hemmx rapporti.

**074.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
d. **Mizura 4.4: Hitan tas-Sejjieh**

**074.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Dan l-item ma giex diskuss.

Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha.

**074.9 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-Seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fis-sitta neqsin ghoxrin ta` filghaxija (5:40pm) minhabba nuqqas ta` quorum.

Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar il-Gimgha 8 ta` Lulju 2022 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 24 ta' Awwissu 2022

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv